MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 653/2008/1

**Martin Paul u Connie konjugi Vella**

**vs**

**Chris Micallef**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Mejju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-atturi li talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro (€1,820), somma rapprezentanti spejjes ghal xogholijiet ta’ tindif u tiswija fil-fond tal-atturi wara xogholijiet strutturali fil-fond sovrapost ghall-fond sottostanti proprjeta’ ta’l-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi l-eccipjent m'huwiex responsabbli ghall-ispejjes ta' tindif u tiswija pretizi u allegatament mgarrba mill-atturi.

Konsegwentement, ma hemmx ebda ammont x'jigi likwidat a favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal premess l-atturi ghandhom igibu l-prova skont il-ligi, tal-*quantum* tad-danni minnhom pretizi.

Inoltre, ma hemmx lok ghal kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' ebda ammont favur l-atturi.

Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal premess, l-eccipjent kien dejjem dispost (anke qabel ma saret dina l-kawza) li fil-kaz li jirrizulta li konsegwenza tax-xogholijiet li saru minnu, kien ikun mehtieg tindif fil-fond tal-atturi, allura l-eccipjent kien dejjem lest li jaghmel kull ma kien hemm bzonn u b'dan l-atturi kienu ben edotti. *Ciononostante*, l-atturi rrifjutaw l-offerta tal-eccipjent.

Il-pretensjoni tal-atturi kif dedotta hija legalment u fattwalment insostenibbli u ghalhekk ghandha tkun respinta.

Salv eccezzjonijiet ohra permessa mil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra x-xhieda tal-attur Martin Paul Vella li jispjega li l-konvenut kien qed jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq il-bejt tieghu u fl-istess waqt beda jaqa' materjal tal-kostruzzjoni fil-bitha tieghu. Il-*blinds* li kienu fuq in-naha ta' barra tal-bitha garrbu hsara, kif ukoll il-bitha garrbet hsarat konsiderevoli.

Martu kienet inkarigat lil Mr. Clean ghat-tindif u kienu hallsu prezz ta' mija u ghaxar ewro (€110), u peress li kien hemm aktar hsarat kienu talbu lil certu kuntrattur Alex sabiex jaghmel stima globali ta' dawn il-hsarat li kien jammonta ghal elf, erba' mija u tmien ewro (€1,408).

Ighid li kien hemm bzonn tat-tibjid tal-bitha, is-*sink* u l-vitien li kienu fil-bitha kienu gew mgharrqa fil-*concrete*. Kien hemm *shower mixer* li saritlu hsara konsiderevoli. Kien hemm saqaf tal-*perspex* li sofra hsara. Il-madum li kien hemm fil-bitha mmarkja u t-twieqi tal-*aluminium* itebbghu u dan minhabba s-*sealer* u c-*cement* li waqa' fuqhom.

Ighid li kien tkellem mal-konvenut sabiex jaslu ghal ftehim, izda kien inutli.

Wara li naddfu ta' Mr. Clean, xorta kien jidher li kien hemm hsara minhabba c-*cement* fl-*aluminium* u fuq il-madum, li ghadu mtebba'. Kien hemm is-*sink* ukoll li kien imcappas.

Ra x-xhieda tal-attrici Maria Concetta Vella, li tispjega li l-arja tal-proprjeta' tal-konvenut kienet taghti ghal fuq l-bitha taghhom.

Tikkonferma li l-konvenut kien qed jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni u kienu talbuh sabiex inaddaf u jirranga l-hsara li kellhom. Il-konvenut kien irrifjuta.

Ftit zmien wara kienu bdew jahdmu l-kahhala u kienu avzawha biss kwarta qabel ma kienu ser jibdew ix-xogholijiet.

Peress li l-konvenut kien irrifjuta li jsewwi l-hsarat li kkagunalhom waqt il-kostruzzjoni, ma kienux disposti li jhallu l-kahhala jiddendlu ghal gol-bitha taghhom u kien ghalhekk li dawn ta' l-ahhar kienu kkomunikaw mal-konvenut li cempel l-Ghassa ghaliex kienu cemplulha l-Pulizija.

Il-kahhala nizlu xorta wahda. Bhala spejjes kellha tinkariga lil Mr. Clean u kienet hallset mija u ghaxar ewro (€110). Kien hemm hsarat fil-*blinds* li kienu jaghtu ghal gol-bitha u dan kellhom jinbiddlu u l-istima moghtija minn Portelli & Brincat kienet tammonta ghal mitejn ewro (€200).

Kien hemm ukoll stima tal-kuntrattur Alex u dan fejn kien jirrigwarda l-hsarat li saru minhabba t-tajn, ic-*cement*, s-*sealer* li ntuzaw waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet.

L-istima tal-kuntrattur kienet tammonta ghal elf, erba' mija u tmien ewro (€1,408), u b'kollox l-hsarat kienu jammontaw ghal elf, seba' mija u tmintax-il ewro (€1,718).

Tikkonferma li l-*aluminium* tat-twieqi li kien tal-lewn fidda, kienu ttebbghu u ttieklu minhabba s-*sealer*.

Ra x-xhieda ta' Alexander Marshall, li kien gie inkarigat mill-attur sabiex jaghmel stima tal-hsarat li ra fil-post tieghu.

Jikkonferma li ma kienx ghamel ix-xogholijiet, izda kien tahom stima biss u ma regghux ikkuntatjawh.

Ra x-xhieda ta' Christopher Micallef li f'Gunju, 2008 ighid li kien qed itella' sular iehor fuq il-proprjeta' tieghu gewwa l-Mosta. Kien qabbad il-kuntrattur Mario Vella ta' Vella Brothers, li hadu hsieb il-kostruzzjoni, kif ukoll il-*finishing* tal-istess sular, bhal tikhil u tibjid.

Jikkonferma li kienu avzaw lill-atturi li kienu ser isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni. Ighid ukoll li kien infurmahom il-kuntrattur u kien mar flimkien mal-Perit Andrew Ellul li kien ghamel spezzjoni tal-proprjeta' ta' l-atturi qabel ma kienu ser jibdew ix-xogholijiet.

Jikkonferma li kienu ghaddew materjal lill-atturi bhala *plastic sheets*, drapp u *tape* sabiex setghu jaghttu l-oggetti, t-twieqi u l-bibien, kartun biex jitpogga mal-art, kif ukoll injama tat-*triply* biex titpogga fuq is-*sink*.

L-attur kien ha hsieb li jghatti dawn l-oggetti.

Kienu ghamlu wkoll tinda hadra bejn iz-zewg proprjetajiet u dan sabiex jevitaw li jaqghu izjed trabijiet u affarijiet. Fl-istadju tat-tikhil ma kienux ghamlu din ix-xibka ghaliex l-haddiem ma setax jiddendel.

Tul dan il-perjodu, qabel ma kienu jibdew ix-xogholijiet kienu jinfurmaw lill-atturi u filghaxija meta jkunu lestew il-gurnata xoghol, kien imur haddiem, jismu Karmenu, li kien imur inaddaf jiknes, jahsel u jnehhi l-hmieg li jkun waqa’ waqt il-kostruzzjoni.

Ighid ukoll li kellhom permess li l-haddiema taghhom, setghu jidhlu ghand l-atturi.

Il-glied mal-attturi kien inqala’ mata l-attrici qalet li kien hemm tebgha zghira fuq mal-bieb tal-bitha.

Kien ghalhekk li l-atturi bdew jirrifjutaw lill-impjegati milli jidhlu fil-post taghhom. U l-haddiema kellhom jinzlu u jaccedu ghall-bitha taghhom minn got-tieqa tal-fond tal-atturi.

Sakemm spicca z-zmien bdew ihallu lill-haddiema jidhlu mill-bieb principali u rega’ kien isir it-tindif ta’ filghaxija minghajr inkwiet, u dan sakemm spicca x-xoghol ta’ kostruzzjoni.

Kienu nqalghu meta saru x-xogholijiet ta’ tikhil u tibjid. Peress li sa’ dak iz-zmien kien inbena l-bejt, biex isir it-tibjid u t-tikhil kien hemm bzonn li l-impjegat tieghu, li kien barrani, jixxabbat mill-bejt

tas-sular il-gdid ghal gol-bitha interna tal-atturi. Kien ghalhekk li kien mar jinfurmahom u kien sahansitra ghaddielhom il-materjal biex ighattu kollox. M'huwiex minnu li l-haddiem kien informa lill-attrici minn got-tieqa li kienu ser jibdew ix-xogholijiet. Minkejja li l-attur kien accetta, martu kienet opponiet u bdiet tghajjat.

Kien hemm problemi ghaliex ma riedux il-materjal biex ighattu l-affarijiet li kien fil-bitha, ma riedux li l-haddiem barrani jixxabbat minn pont ghal gol-bitha interna u lanqas ma riedu lil dan il-haddiem, inaddaf ghandhom filghaxijiet.

Minkejja dan. ighid li kien jibghat lill-haddiem tieghu filghodu, qabel ma kien jibda x-xoghol u filghaxija, biex joffri li jnaddaf, izda l-atturi qatt ma fethu

Il-haddiem dam jahdem madwar erbat (4) ijiem u hallew il-hmieg jakkumula u lanqas ma bdew inaddfu.

Peress illi dan il-hmieg dam hemm ghal sebat (7) ijiem u ghalhekk kien cempel lil tas-Sanita' minhabba li d-drenagg kien in komun u seta' jinstad. Dakinhar kienu marru ta' Mr. Clean u sakemm marru tas-Sanita' kienu sabu bitha nadifa.

Kien hemm xi madum li kien antik u mtebba' u mmakkjat u dan kien fil-bitha interna, mhux fejn kienu qed jahdmu.

Il-konvenut jikkonferma li huma ghamlu minn kollox sabiex jikkooperaw mal-atturi u sahanistra pprovdulhom l-materjal, halli jigi evitat hmieg, izda l-atturi ma tantx ikkooperaw.

Ra x-xhieda ta' Carmen Micallef, li prattikament ikkonfermat dak kollu li qal zewgha l-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Mario Vella, li huwa direttur tas-socjeta' Vella Brothers (Tal-Bidnija, Limited u jikkonferma li kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' sular fuq il-bini ezistenti, kif ukoll il-tqeghid ta' madum u katusi, tikhil u tibjid. Ighid ukoll li kien dam xi tlett (3) xhur sabiex ilesti dan ix-xoghol.

Jikkonferma li qabel ma' beda x-xoghol kien mar mal-Perit Andrew Ellul sabiex jivverifikaw il-kundizzjoni tal-post tal-atturi. Kien post antik u kien jidher element tal-*wear and tear*.

Dwar il-madum li kien hemm fil-bitha, jikkonferma li kien ra diversi tbajja', kif ukoll ra xi xquq.

Kien hemm zewg haddiema Bulgari, wiehed Costantino u Jorgi. Ighid li kien pogga *net* fuq il-bitha interna tal-atturi u dan waqt il-fazi ta' kostruzzjoni  u kull filghaxija wara li jkunu lestew mix-xoghol, il-haddiema tieghu kienu jmorru nnaddfulhom minhabba xi trabijiet. Ma kienx jinzel kuljum, pero' l-impjegati kienu nies ta' fiducja u kienu jinfurmawh b'dak li kien qed jigri.

Ighid li kienu nehhew in-*net* wara li lestew ix-xogholijiet u ighid li kien hemm *net* waqt il-kisi.

Kien hemm okkazzjoni meta l-atturi ma kienux fethu u l-attrici kienet ikkomunikat mieghu ghaliex kienet sabet il-hmieg, u kien ghalhekk li dak il-hin stess kien baghat haddiem biex inaddfilha.

Meta beda x-xoghol ta' tikhil u tibjid, l-atturi, minghajr ebda raguni, bdew jirrifjutawlhom l-access, izda ugwalment kienu jmorru kull filghodu biex javzawhom li kienu ser jahdmu u filghaxija, biex joffru li jnaddfu warajhom.

Ighid li ma kienx hemm hsara kkagunata lill-atturi ghaliex meta lesta x-xoghol, il-bitha kienet l-istess kif kienet qabel ma kienu bdew bix-xogholijiet.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-atturi fethu dina l-kawza, stante l-fatt illi jallegaw, li waqt li l-konvenut kien qed jaghmel xogholijiet ta' tikhil u tibjid, wara li kien bena sular fuq l-appartament tieghu li huwa sovrastanti dak ta' l-atturi gew, kagunati lilhom diversi hsarat kif deskritt supra.

*Ex lege*, sid tal-fond sottostanti, m'ghandux ibati a pregudizzju tieghu, dak li jaqa' mis-*superior tenement*.

***"Meta l-ligi holqot il-projbizzjoni kontra li tigi aggravata servitu' fuq il-fond sottostanti, riedet necessarjament tfisser li l-att tas-sid tal-fond dominanti johloq pregudizzju reali ghas-sid tal-fond servjenti, u fin-nuqqas ma jkun hemm ebda aggravament."***
'MARIO ATTARD VS LINO PORTELLI' (31.01.2003 PA 1102/91).

Huwa minnu li l-konvenut, li ma jichadx, li kien hemm zewg (2) fazijiet ta' xogholijiet. L-ewwel kien hemm il-kostruzzjoni u jidher li kien hemm kooperazzjoni bejn il-partijiet. Kienet tpoggiet xibka biex tilqa' l-materjal li seta' jaqa' waqt li kienu qed jaghmlu x-xogholijiet.

L-impjegati li kienu qed jahdmu fuq il-post kienu wkoll imorru ta' kuljum, wara li jkun lestew mix-xogholijiet, sabiex inaddfu lill-atturi.

Jidher pero', li kien hemm xi intopp ghaliex kienet giet ikkagunata xi hsara fl-istadju tal-kostruzzjoni. L-attur jilmenta li l-*blinds* li kienu fuq in-naha ta' barra tal-bitha garrbu hsara, kif ukoll il-bitha garrbet hsarat konsiderevoli.

Minkejja, li kienu talbu lill-konvenut jirranga din il-hsara, dan kien injorahom u kien beda bit-tieni fazi tax-xogholijiet, u cioe' il-fazi tat-tikhil u tibjid.

Il-konvenut, ghandu verzjoni ghal kollox differenti.

Jirrileva illi sabiex l-atturi setghu jitolbu r-risarciment tad-danni, kien jehtieg li jigu ppruvati tlett elementi:

i) kondotta illecita;
ii) prova tal-hsara;
iii) ness ta' kawzalita' bejn l-eghmil u l-hsara.

Dan jehtieg, ghalhekk li mill-provi migbura, dan it-Tribunal ikun konvint mir-responsabbilita' tal-konvenut.

***"L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".***

***Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabbilita' akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tenuncja l-principju in virtu' ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenza negattiva, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu.***

***Issa, kif saput, il-fonti primarju tar-responsabblita' civili hija ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili f-ghemil, izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias {Art.1032(1), Kodici Civili}. Dan jikkorrispondi criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenit statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.***

***Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta l-illecitu, huwa rikonoxxuti u accettati ukoll aspetti ta' responsabbilita' specjali in rigward ghall-evitabbilita' tal-hsara……."***
'MICHAEL D'AMATO NOE VS FILOMENA SPITERI' (PA 03.10.2003).

L-atturi jiddentifikaw diversi hsarat u dawn huma, fost ohrajn kien hemm bzonn tat-tibjid tal-bitha, is-*sink* u l-vitien li kienu fil-bitha kienu gew mgharrqa fil-*concrete*. Kien hemm *shower mixer* li saritlu hsara konsiderevoli. Kien hemm saqaf tal-*perspex* li sofra hsara. Il-madum li kien hemm fil-bitha mmarkja u t-twieqi tal-*aluminium* itebbghu u dan minhabba s-*sealer* u c-*cement* li waqa' fuqhom, jinsistu l-atturi.

Mill-provi migbura, huwa fatt stabbilit, li l-iktar li kien hemm hsara kien waqt il-fazi li fiha kien qed isir it-tikhil u t-tindif.
Fir-risposta tieghu, l-konvenut jinsisti li ma kienx responsabbli ghad-danni li qed jallegaw l-atturi u in bazi ta' dan, fuqu jaqa' l-oneru tal-prova sabiex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, li effettivament, kienu l-atturi li kienu rrifjutaw l-access lill-konvenut, bil-konsegwenza, li kien hemm hmieg ghaliex ma kienux qed jikkooperaw sabiex xi hadd mill-haddiema kien imur inaddaf ghand l-atturi.

Il-konvenut jispjega biss li ried jikkoopera, tant li kien baghat lill-haddiema tieghu biex ighaddulhom materjal, biex ighattu bih, pero dan kien ftit minuti qabel ma kienu ser jibdew ix-xogholijiet.

Jametti li ma ramawx *net*, izda dan kien minhabba li kien ser isir it-tikhil u tibjid u l-haddiema kien ser ikollhom bzonn jixxapptu.

Inoltre, ighid li kienet l-attrici li kienet qed topponi u tirresisti li jinghatalhom access, minhabba li ma kienx sewwa l-hsara, li allegatament kien ikkaguna fl-istadju tal-kostruzzjoni.

It-Tribunal, mhux konvint, li fl-istadju tal-kostruzzjoni kollox mexa' harir u b'tant kooperazzjoni, ghaliex mal-minuta li l-haddiema marru jinfurmaw lill-atturi li kienu ser jibdew bit-tieni fazi tax-xogholijiet, immedjatament kien hemm resistenza.

Kellha tintervjeni l-Pulizija, izda ugwalment, il-haddiema bdew bix-xogholijiet taghhom, izda jinsisti l-konvenut li ma kienx hemm kooperazzjoni da parti ta' l-atturi, tant li qatt ma fethu lill-haddiema u lanqas ma kienu qed inaddfu huma, a pregudizzju tas-sistema tad-drenagg li kienet wahda komuni.

Il-konvenut semma' li kien hemm Perit involut qabel ma' bdew ix-xogholijiet, li pero lanqas ma gie prodott bhala xhud.

L-atturi, da parti taghhom ipprezentaw kont li hallsu lil Mr. Clean biex nadfu l-bitha, mertu tal-kawza.

Kien hemm ukoll stima, li giet ikkonfermata mill-istess persuna li ghamilha, li tikkonferma per se, diversi oggetti li gew iddanneggjati u li kien jehtieg li dawn jinbiddlu.

L-atturi wkoll ipprezentaw diversi ritratti li huma prova per se tad-danni li garrbu, l-atturi. Jidher li kien hemm hafna *cement* imtajjar tul il-bitha. Jidher li kien hemm tbajja taz-zebgha fuq it-twieqi.

Giet ukoll prodotta stima sabiex jinbidlu l-*blinds*, li kienu mtebbghin bic-*cement*.

Il-konvenut, kien eccepixxa li l-ammonti li kienu qed jigu pretizi, kienu esorbitanti, izda fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi, ma kkontesta dawn il-kontijiet, lanqas meta tela' Alexander Marshall, li hejjha l-istess stima.

Huwa minnu li dan it-Tribunal huwa konvint, li l-konvenut ma riedx jikkaguna hsara volontarja, izda huwa minnu wkoll, li meta kien hemm opposizzjoni ghal dawn ix-xogholijet, xorta ordna lill-haddiema sabiex ikomplu u anke jekk l-atturi ma kienux qed jikkooperaw, lanqas ma kien jirrikjedi li jordna lill-haddiema, li jahdmu kif gib u lahaq. Kien jehtieg prudenza u mhux negligenza.

Anke jekk l-atturi ma kienux qed jikkoperaw u jidher li kien hemm ragunijiet u pendenzi bejniethom li ma kienux saldati, lanqas seta' l-konvenut jaggrava l-posizzjoni ta'l-atturi.

***"Kull min ghandu jedd ta' servitu' ghandu jinqeda' b'dan il-jedd skont it-titolu tieghu, u ma jista' jaghmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal izjed il-piz tal-fond serventi.***

***L-Artikolu 476 jistipula li:-***

***"Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitu', wiehed ghandu jinqeda bih fil-limiti ta' dak li hu mehtieg, billi jittiehdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiz-zmien li giet stabbilita' s-servitu' u l-uzu konvenjenti ta' dak il-fond, bl-anqas hsara tal-fond serventi."***

***Minn dawn iz-zewg artikoli jitnissel il-principju illi s-servitu' ma tistax issir aktar oneruza fuq il-fond servjenti, u wkoll il-principju ta' interpretazzjoni illi, filwaqt li jhares kemm l-interess tal-konvenjenza ta' l-uzu tal-fond dominanti u l-interess tal-fond servjenti li***

***ssirlu l-anqas hsara, irid illi kull dubbju jmur favur il-fond servjenti.***

***Servitu' tista' tizdied biss bil-mod indikat fl-att kostitutiv taghha u b'xejn aktar."***
**'**AV.DR.ERIC MAMO ET VS CHERYL WISMAYER' (PA 12.12.2001).

Il-konvenut bena sular u kien hemm kooperazzjoni u toleranza da parti tal-atturi, izda mbaghad sabiex ghamel it-tikhil u tibjid, ix-xogholijiet ma waqfux u lanqas mhu qed jippretendi dan it-Tribunal li kellu jieqaf, ghaliex dan kellu jsir bhala parti mix-xogholijiet li kieu konsapevoli taghhom l-atturi. Pero, jekk kienu ser isiru dawn ix-xogholijiet, kien jehtieg li l-haddiema jaghmlu xogholhom sew, b'certa prudenza u mhux ittajru kullimkien, qisha donnha kienet ghamlet maltempata tac-*cement*. Anke, jekk in *pessima ipotesi* ma setghetx titpogga *net* biex tilqa' d-*debris*, certu traskuragni setghet tigi evitata, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti.

Peress li dan it-Tribunal ghandu d-dmir li jkun ekwu u gust mal-partijiet, minkejja li japprezza li l-atturi kienu ffastidjati ghaliex il-konvenut kien injorahom u ma hax hsieb il-hsarat li kien ikkaguna lill-atturi fl-istadju tal-kostruzzjoni, ghaliex kieku ma kienux fl-ewwel lok, jostakolaw ix-xogholijiet, fl-istess waqt ma jistax ma jikkundannax l-agir da parti tal-attur ukoll, ghaliex jekk kienu jafu jew jassumu li kienu ser jitkomplew ix-xogholijiet, setghu tal-anqas poggew xi lozor, plastik jew materjal iehor simili, li bih setghu jghattu u jevitaw anqas hmieg jew ta' l-anqas jiminimizzaw ir-riskju ta' hsara. Wara kollox l-konvenut kien fornixxa dawn il-mezzi li l-atturi ma utilizawx jew ma utilizzawx sew.Ghalhekk, l-atturi kkontribwew ghal dawn id-danni u ghal dan it-Tribunal, dan ghandu jigi kkunsidrat ghal finijiet tar-risarciment tad-danni. F'dan il-kuntest it-Tribunal jidhirlu li arbitrio boni viri is-somma

dovuta lill-atturi ghandha tkun ta' disa' mija u erbatax-il ewro (€914). Cioe' it-Tribunal jikkonsidra li l-atturi ikkontribwew kwantu ghan nofs tal-hsarat u Danni.
Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, billi, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u erbatax-il ewro (€914) bhala l-parti tieghu tad-danni kagunati lill-atturi waqt li kien qed jaghmel xogholijiet ta' tikhil u tibjid fil-proprjeta' tieghu.

Minhabba n-natura tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Brevement riprodotti, l-elementi ta' l-aggravju tieghu huma kif gej:-

1. Trattasi ta' azzjoni ghar-rizarciment tad-danni, il-principji estratti mill-istitut tas-servitujiet ma kellhomx posthom f'dan il-kaz;

2. L-atturi ma pprovawx il-fatti kostitutivi tat-talba taghhom u lanqas wasslu biex jaghmlu b'success in-ness kawzali bejn l-allegati hsarat imgarrba u l-izvilupp li sar. Huma ma pproducew ebda prova teknika u lanqas ma talbu ghan-nomina ta' konsulent legali;

3. L-ekwita`, *qua* strument ta' decizjoni, ma kellhiex tissarraf fl-ezami legger tal-provi u, anzi, it-Tribunal kien tenut isegwi l-kriterji tal-provi kif dixxiplinati mill-Kodici ta' Procedura, ex-Artikoli 558 u 559 tieghu;

L-atturi wkoll appellaw mid-decizjoni tat-Tribunal izda dan ghamluh b'mod incidentali. Huma jikkwerelaw illi l-ekwita` ma kienetx adattabbli f'dan il-kaz in mertu ghall-*quantum* likwidat tad-danni pretizi minnhom. Huma ghaldaqstant jikkontendu illi din il-Qorti ghandha tilqa' l-entita` ta' l-istess danni kif minnhom mitlub bl-att promotur;

Huwa opportun qabel kull konsiderazzjoni ohra illi, gjaldadarba z-zewg partijiet specifikament jirreferu ghall-kuncett ta’ l-ekwita`, il-Qorti tghaddi biex taghmel ir-riflessjonijiet li jsegwu:-

1. Ghall-atturi appellati t-Tribunal ma kellux japplika l-istrument ta’ l-ekwita` ghall-iskop tal-gudizzju tieghu ghaliex, skond huma, biex dan seta’ jsir ried jintwera illi huma kkontribwew ghad-danni u fil-kaz in ispecje din il-kontributorjeta` ma tissussistix. Minn naha l-ohra skond il-konvenut appellanti bit-tielet aggravju tieghu t-tribunal kien messu ffoka fuq il-principji tad-dritt in materja tal-kontroll ta’ l-evidenza pprezentata quddiemu;

2. Gie abbundantement ritenut minn din il-Qorti fi skorta ta’ decizjonijiet taghha illi ghall-fini li jigi accertat jekk id-decizjoni kellhiex tittiehed skond id-dritt ekwitativ jew, inversament, skond il-principji soliti tad-dritt pozittiv ghandu jigi ezaminat il-perkors logiku-guridiku tad-decizjoni biex minnha jigi kkontrollat jekk id-decizjoni kellhiex tkun skond il-kriterju l-wiehed jew l-iehor;

3. Fil-kaz in ezami t-Tribunal sab, fuq il-fehma tieghu, illi l-materja kontrovertita kellha, almenu fil-kaz limitat tal-likwidazzjoni tad-danni, tkun regolata mill-ekwita in kwantu l-esigenzi partikolari taghha kienu hekk jissuggerulu;

4. Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f’dan l-istadju jigi sottolinejat b’mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa’ l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn, fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti;

Issa fil-kaz prezenti l-kontendenti ressqu dawn il-provi hawn *infra* fil-qosor riportati:-

1. Fl-Affidavits taghhom a fol. 16 u fol. 21 l-atturi ddikjaraw illi huma garrbu hsarat konsiderevoli bil-waqa' ta' materjal fil-fond taghhom fil-kors ta' l-izvilupp li kien qieghed isir mill-kuntrattur inkarigat minn dak l-izvilupp. Huma jikkontendu wkoll illi l-konvenut irrifjuta li jirranga dawk il-hsarat u li dwar l-istima taghhom tqabbad ix-xhud Alexander Marshall (fol. 25). Gew ukoll mill-atturi esebiti serje ta' ritratti kif ukoll xi fatturi;

2. Fl-Affidavit tieghu (fol. 31) il-konvenut stqarr illi qabel ma nbeda x-xoghol ta' zvilupp ta' sular gdid sew il-kuntrattur tieghu kif ukoll l-Arkitett Andrew Ellul accedew fil-fond ta' l-atturi biex jgharrfuhom bix-xoghlijiet intenzjonati u jipprovduhom b'materjal tal-plastic ghall-iskop li titghatta l-bitha interna taghhom u xi oggetti. Huwa jzid jirrikkonta illi saret bhal tinda biex tilqa' ghall-materjal li jaqa' u fl-ghaxijiet il-haddiema tal-kuntrattur kienu jaccedu ghand l-attur biex inaddfu t-trabijiet u jahslu fejn mehtieg. Isemmi wkoll minn nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti ta' l-attur fil-fazi meta kellu jsir it-tibjid u t-tikhil. Similment tirrakkonta Carmen Micallef, mart il-konvenut fl-Affidavit taghha a fol. 36;

3. Ix-xhud Mario Vella, rapprezentanti ta' Vella Brothers, appaltaturi tax-xoghlijiet, jiddikjara hu wkoll fl-Affidavit tieghu (fol. 40) illi hu u l-Perit Ellul kienu informaw lill-atturi li ser jinghata bidu ghax-xoghlijiet u li ttiehdu minnhom il-prekawzjonijiet okkorrenti bil-provizzjon lill-atturi ta' *plastic sheets*, u ta' "*netting*" biex tilqa' ghall-materjal. Huwa jzid jghid li dejjem ikkoperaw ma' l-atturi ghal dak li hu tindif u hasil tal-bitha, u kien biss fil-kors tat-tibjid u tat-tikhil illi l-atturi rrifjutaw li jipprovdulhom access ghal dak l-iskop, tant li kellu jsir rapport lil tas-Sanita`. Dan ix-xhud jiddiskrivi wkoll illi fil-bitha ta' l-atturi, sa minn qabel ma nbdew ix-xoghlijiet, kien diga` jezistu xi tbajja u xquq fil-madum tal-bitha;

4. Kontro-ezaminat, l-attur cahad li gie preventivament informat li ser isiru x-xoghlijiet. Ugwalment, cahad ukoll li gie fornut bi *plastic sheets* u materjal biex jghatti l-bitha. Jaccetta pero` li l-haddiem tal-kuntrattur kienu jmorru ghandu ha jnaddfu l-bitha u dwar dan ma kellux ilmenti. B'danakollu, huwa jzid jghid illi meta kien ser isir il-kisi l-mara waqqfithom minhabba xi tebgha fit-tieqa ta' l-aluminium. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 63;

Ri-epilogata din l-esposizzjoni tal-fatti, bla dubju l-kwestjoni ghall-attenzjoni tat-Tribunal kienet sostanzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-attendibilita` u l-kredibilita` tax-xhieda u tal-provi in atti. Kif manifest l-atturi jikkontendu illi huma sofrew hsarat bix-xoghlijiet intraprezi fil-fond tal-konvenut. Minn naha l-ohra dan ta' l-ahhar jasserixxi illi huwa ma kkawza ebda dannu u, dippju, illi l-atturi ma rnexxielhomx igibu provi konvincenti, lanqas fuq il-pjan guridiku, illi jikkonnettu d-danni minnhom lamentati max-xoghlijiet ezegwiti mill-kuntattur tieghu u mill-haddiema ta' dan;

Mad-daqqa ta' ghajn, minn ezami anke superficjali tas-sentenza attakkata, wiehed ma jistax ma jifformax l-idea illi, almenu zgur mill-ottika tad-dritt, it-Tribunal kien ghal kollox zbaljat meta argina r-ragonament tieghu fuq id-disposizzjonijiet relattivi ghall-istitut tas-servitujiet taht il-Kodici Civili ghax dawn, mal-fattispeci, ma kellhom ebda konnessjoni. Evidentement, huwa avvicina l-kwestjoni sottomessa lilu minn vizjoni errata u attitudni ghal kollox inidoneja una volta dik l-istess kwestjoni kienet wahda semplicement ghar-rizarciment tad-danni. Huwa palesament ovvju illi r-ricerka formativa tieghu kellha tkun stradata fuq dan il-binarju u dak tal-verifika ta' l-ezistenza tad-danni u ta' l-entita` taghhom. Verifika din li kellha ssir fuq il-bazi ta' l-apprezzament tal-provi u ta' l-inferenzi li jitnisslu minnhom in kwantu prodottivi ta' effett guridiku determinat u ta' kawza efficjenti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza;

F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Htija din li trid per forza tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Bir-ragun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "**George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi *nomine***", Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta illi ghall-applikazzjoni taghhom ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kagonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kagonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illecitu, imma anke lil kull min indirettament jirrizenti d-danni; liema delitti u kwazi-delitti huma msemmijin mil-legislatur fir-rubrika tal-Kap II tas-Subtitolu II tat-Titolu IV tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, u li huma kumulattivament dezinjati taht l-isem generiku ta' 'htija' fl-artikolu citat";

Huwa bil-wisq logiku illi jekk din il-htija ma tigix ammessa jew konfessata, l-istess riedet tigi investigata u determinata, preordinatament ghall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-ezercizzju li kellu jsir mill-Gudikatur kien wiehed li jimporta mhux biss attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-atturi imma wkoll lid-difiza tal-konvenut. Fuq kollox, jekk giex sewwa u konvincentement sodisfatt il-principju tal-piz tal-provi da parti ta' l-atturi, trattasi li l-kolpa f'materja akwiljana trid dejjem tigi provata minnhom. Prova din li l-Gudikatur kellu jakkwizixxi mill-materjal probatorju offert jew dezunta mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz;

Hi dottirna elementari sew maghrufa illi "*per dare luogo a responsabilita` è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il* danno" (ara **Fadda**, "**Giurisprudenza sul Codice Civile**", Vol. V p. 721). Dan

il-principju sab rispons favorevoli f'diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet "**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928. Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" ("**John Debono *et* -vs- Negte. Joseph Muscat *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "**Paul Debono -vs- Malta Drydocks**", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005;

Premessi l-predetti spunti ta' dritt, din il-Qorti tistqarr illi ma thossiex ghal kollox sodisfatta illi mill-istruzzjoni tal-process tohrog il-prova inkonfutabbli li tallaccja d-danni lamentati mill-atturi ma' l-izvilupp li sar fil-fond tal-konvenut, u, anzi, jidhrilha li ghall-ahjar intelligenza tal-kaz kien mistenni li t-Tribunal jikkonduci apprezzament aktar ragonat in mertu ghaz-zewg stadji fokali ta' l-"*<u>an</u>*" u tal-"*<u>quantum</u>*", ossija dik tar-responsabilita` u ta' l-ezistenza tal-mizura tad-danni;

Hu ovvju illi kull kaz irid jigi konsiderat fil-fattispeci partikolari tieghu. F'dan il-kaz, ghallanqas fuq il-fehma tal-Qorti, mill-istat tal-provi ma jistax jigi desunt hekk car illi kien jirrikorri r-rekwizit tan-ness ta' kawzalita` biex jista' jigi validament ritenut li l-izvilupp li sar kien il-kawza ewlenija li gabet fis-sehh id-danni allegati mill-atturi. Dan qieghed jigi rilevat ghaliex il-Qorti ma ghandhiex ic-certezza morali illi verament l-atturi rnexxielhom jipprovaw illi dawk id-danni, jekk jezistu, kienu tabilhaqq l-effett u r-rizultat ta' xi kondotta abuziva da parti tal-konvenut jew tal-haddiema tal-kuntrattur kommissjonat minnu. Ghall-kuntrarju, il-Qorti jidhrilha li dawn ma naqsux milli josservaw dak il-parametru standard tad-diligenza tal-*bonus paterfamilias* ghal liema jirreferi l-Artikolu 1032 (1) tal-Kapitolu 16, bl-uzu ta' dawk il-kawteli u tad-dover generali tan-*neminem laedere*. Ara "**Gaetano Spiteri *proprio et nomine* -vs- Thomas Castle**", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Awissu, 1965 per Imh. Maurice Caruana Curran;

Dan qieghed jigi hekk deciz ghaliex, apparti li l-Qorti ttendi b'preferenza ghall-versjoni tal-konvenut u tax-xhud tieghu, ma tistax ma tikkonstatax illi, kuntrarjament ghall-izmentita ta' l-attur, il-konvenut u l-kuntrattur tieghu hadu hsieb jinformawh tempestivament li kienu ser jezegwixxu xoghlijiet, ipprovdewh bil-materjal protettiv ghall-ahjar harsien ta' hwejgu u hadu l-briga wkoll, kif hekk kellu jkun, illi ta' kull filghaxija jnaddfu u jahslu l-bitha ta' l-atturi. Mhux ghal din il-Qorti li tinfatam minn xi akkaniment intrasigenti da parti ta' l-atturi meta l-binja tal-konvenut kienet wasslet fil-fazi tal-kisi u tat-tikhil, kif lanqas ma huwa accettabbli ghal din il-Qorti illi l-atturi jappiljaw ruhhom ma trivjalita – dik ta' l-allegata tebgha fit-tieqa ta' l-aluminium – biex ma jippermettux lill-haddiema tal-kuntrattur jeccedu ghall-post taghhom ghal skop ta' tindif. Dan biex ma jinghadx imbaghad illi, fid-dati cirkustanzi li jinzlu mir-rizultanzi istruttorji, il-Qorti mhix lanqas propensa li taccetta kull pretest ghad-danni fuq il-bazi ta' dokument nieqes minn spjegazzjoni sufficjenti li tikkonnetti kull ras singolu tad-danni max-xoghlijiet ezegwiti;

Issa huwa veru li, di regola, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament diskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal. Ghandu jinghad pero` li din ir-regola mhix lanqas tali li timponi ruhha fuq din il-Qorti fejn jirrizultalha li jkun sar strapp ghal-logika jew ghall-principji tad-dritt. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici f'materja ta' kolpa extra-kontrattwali, aktar 'il fuq esposti;

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti thoss li l-apprezzament finali tal-provi li ghamel it-Tribunal f'dan il-kaz u l-applikazzjoni errata tieghu tal-principji tad-dritt *in subjecta materia* ghandhom jitwarrbu favur konkluzjoni aktar koerenti ghall-gustizzja sostanzjali li taghmel haqq mal-konvenut appellanti.

Ghal motivi kollha fuq konsiderati l-Qorti, filwaqt li tichad l-appell incidentali ta’ l-atturi, qeghda tilqa’ l-appell principali tal-konvenuti u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tichad ukoll t-talba ta’ l-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------